MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1639/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezetanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael-Anthony Buhagiar u l-istess Michael-Anthony Buhagiar, u b'nota prezentata fit-13 ta' Mejju, 2004, is-socjeta` Elmo Insurance Limited assumiet fil-vesti ta' l-attur l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Mark Gaffarena**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta mitejn u tmenin lira sitta u tletin centezmu (Lm280.36) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh gewwa Haz-Zebbug

nhar il-15 ta Frar 2003 bejn il-vettura numru GAF 666 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BMZ 001 misjuqa u proprjeta tal-attur u ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittra ufficcjali datata 8 ta Lulju 2003 u dik prezentata kontestwalment ma dana l-att ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta u bl-imghax legali b'effett mit-8 ta Lulju 2003 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 15 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta t-talbiet attrici fis-sens li ma kienx responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza. Bl-ispejjes.

Ra l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna incident stradali li sehh fi triq l-Imdina, Zebbug biswit roundabout. Skond ir-rapport tal-pulizija z-zewg sewwieqa jallegaw li l-parti l-ohra kisret ghal fuqha minnghajr ebda sinjali ta xejn. Skizz ma giex mahzuz peress illi l-vetturi ccaqilqu minn fuq il-post ta l-incident u dana peress illi wara l-incident l-attur jallega li l-konvenut kien hebb ghalih.

Ra li l-verzjoni moghtija mill-attur baqghet ma giet kontradetta minn ebda prova ohra u l-konvenut naqas li jidher biex jixhed hu stess u halli jressaq provi ohra in sostenn tal-eccezzjoni tieghu dwar responsabbilita;

Ghal dawn ir-ragunijiet, It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jiddikjara li l-istess konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta ta mitejn u tmenin lira sitta u tletin centezmu (Lm280.36) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------